MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 1214/1999/1

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc, cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta' assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Tanti u l-istess Alfred Tanti.**

**vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta'

disa’ mija wiehed u sebghin lira hamsin centezmu (Lm971.50c) in kwantu ghal tmien mija wiehed u tmenin lira hamsin centezmu (Lm881.50c0) lis-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal disghin lira (Lm90) lill-attur Alfred Tanti, in linea ta‘ danni – mill-konvenut kagunati u minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rabat fis-16 ta’ Jannar 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru JAC 618 habat mal-vettura Nru TFC 812 proprjeta’ tal-attur Alfred Tanti u misjuqa minn Maryanne Tanti - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta’ Mejju 1998, dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikuratazzjoni tal-konvenut a tenur tal-kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mis-7 ta’ Jannar 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa riverentement:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi stante illi l-incident stradali “de quo” sehh unikament bi traskuragni, imperizja, nuqqas ta’ prudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ MaryAnne Tanti illi meta sehh l-imsemmi incident kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzojni TFC – 812, proprjeta tal-attur Alfred Tanti u assigurata mas-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited.

2. Illi f’kull kaz d-danni reklamati mill-atturi huma ezagerati u eccessivi.

3. Illi l-eccipjent qieghed jirrizerva d-drittijiet tieghu kollha skond il-ligi sabiex jipprocedi gudizzjarjament kontra s-sudetta MaryAnne Tanti ghad-danni kollha minnu sofferti fl-incident “de quo”.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun li issir referenza ghas-segwenti:-

a) Fit-tmienja (8) ta' Marzu 2002, is-socjeta' attrici nomine et kienet iddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci "salv kontestazzjoni (da parti tal-konvenut) fuq danni" (ara fol 36 ibid).

b) Fl-istess seduta, l-kawza kienet giet differita ghall-provi tal-konvenut ghas-16 ta' Settembru 2002 izda din is-seduta ma setghetx tinzamm, fuq ordni tal-istess Qorti (ara fol 37 ibid).

c) F'dan id-differiment, il-konvenut ma kienx deher u ma kinex ipproduca xi provi in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnu (fol 38 ibid) u ghalhekk, kif jidher mill-istess verbal, din il-kawza giet differita, ghas-seduta tallum, sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, is-socjeta attrici nomine et ipproducew is-segwenti provi, in sostenn ta' dak mitlub fl-istess avviz:-

a) Mart l-attur Maryanne Tanti (fol 22 sa fol 24 tal-atti) spjegat li, meta gara' l-incident in esami, hi kienet qed issuq wahedha, l-karozza numru TFC 812 tal-marka "Subaru J10" u kienet sejra lejn ir-Rabat, mid-direzzjoni tal-Mosta. In rigward l-istess incident, hi qalet testwalment "Jiena kont qed nsuq fuq is-"side" tieghu … mill-gemb tax-xellug tieghu qiesu zewg piedi … rajtu gej fuqi …. Ghalhekk waqaft. Fil-fatt kif waqaft habat mieghi "u, bhala konsegwenza, l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtet il-bieba tal-karozza taghha" …. "Fuq in-naha tieghi"…"bil-fanal tal-lemin ta' quddiem".

b) PS 1414 Anthony Zammit (fol 15 sa fol 21 tal-istess atti) li investiga l-istess kaz u esebixxa l-iskizz u r-rapport

relattiv ghall-incident in esami. Hu spjega li t-triq in kwistjoni “hija dejqa u ma tantx hija asfaltata tajjeb”. Hu kompla jghid li wara l-karozza tal-konvenut “…. Kien hemm brakmarks” twal 13 il-metru u fuq l-istess skizz a fol 18 ibid kien indika, bl-ittra “C” l-“spot of impact”, liema fatt gie stabbilit minnu” mill-hgieg u trab li sibt … fuq “point C”. Fl-ahhar nett, hu specifika il-wisa’ tat-triq fejn gara l-istess incident, liema triq, fejn gara l-istess incident giet deskritta mix-xhud bhala “… ghad-dawra, hemm liwja”.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li dan l-incident gara, unikament, minhabba s-sewqan negligenti da parti tal-konvenut li, kien qed jsuq, f’triq dejqa u fid-dawra b’velocita’ eccessiva ghall-istess lokalita’, kif deskritta. Minhabba hekk l-istess konvenut kien invada n-naha tat-triq minn fejn kienet qed isuq mart l-attur Maryanne Tanti, u konsegwentement ikkaguna l-hsarat fil-karozza misjuqa mill-istess Maryanne Tanti. Dan kollu juri li s-sewqan da parti tal-konvenut kien negligenti, minghajr id-debita’ kawtela fis-sewqan rakkomandabbli f’triq dejqa u f’liwja bhal dak in esami.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-hsarat, gew prodotti, d-dokumenti kollha relattivi, in sostenn taghhom kif jidher mix-xhieda ta’ Stephen Conti (fol 27 et seq ibid) u mad-dokumenti esebiti mill-istess xhud a fol 29 sa fol 35 ibid.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm971.50,0 globalment;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ Lm881.50,0 u lill-attur, Alfred Tanti, s-somma ta’ Lm90 bl-imghax legali mis-7 ta’ Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta’ Mejju 1998 u tal-ittri ufficjali tas-7 ta’ Jannar 1999 u tal-17 ta‘ Awissu 1999, imsemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------